Nru./No. 21,202
Prezz/Price
€8.82

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024
Tuesday, 5th March, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2425 - 2467
Government Notices ..... *2425 - 2467*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2467 - 2469
Police Notices ..... *2467 - 2469*

Opportunitajiet ta' Impjieg 2470
Employment Opportunities *2470*

Avviżi tal-Gvern ..... 2470 - 2588
Notices ..... *2470 - 2588*

Offerti ..... 2589 - 2594
Tenders ..... *2589 - 2594*

Avviżi tal-Qorti ..... 2594 - 2616
Court Notices ..... *2594 - 2616*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 299

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 92 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali.

Il-5 ta' Marzu, 2024

Nru. 300

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,198 tas-27 ta' Frar, 2024 (Avviżi Legali 36 sa 38) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,200 tal-1 ta' Marzu, 2024 (Avviżi Legali 39 sa 45) rispettivament.

A.L. 36 tal-2024: Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kap. 623); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni.

A.L. 37 tal-2024: Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kap. 623); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni.

A.L. 38 tal-2024: Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kap. 623); Regolamenti tal-2024 dwar l-Obbligi ta' Assigurazzjoni ta' Siti ta' Kostruzzjoni.

A.L. 39 tal-2024: Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Kap. 626); Regolamenti tal-2024 dwar is-Setgħat u l-Obbligi tal-Pjattaforma Nazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Korruzzjoni fl-Isport.

A.L. 40 tal-2024: Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Kap. 626); Regolamenti tal-2024 dwar it-Twaqqif u l-Kompożizzjoni tal-Pjattaforma Nazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Korruzzjoni fl-Isport.

A.L. 41 tal-2024: *Accountancy Profession Act (Cap. 281); Accountancy Profession (General Accounting Principles for Small and Medium-Sized Entities) (Amendment) Regulations, 2024*.

GOVERNMENT NOTICES

No. 299

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 92 entitled the Social Work Profession (Amendment) Act, 2024.

5th March, 2024

No. 300

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,198 of 27th February, 2024 (Legal Notice 36 to 38) and Government Gazette No. 21,200 of 1st March, 2024 (Legal Notices 39 to 45) respectively.

L.N. 36 of 2024: Building and Construction Authority Act (Cap. 623); Construction Industry Licensing (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 37 of 2024: Building and Construction Authority Act (Cap. 623); Avoidance of Damage to Third Party Property (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 38 of 2024: Building and Construction Authority Act (Cap. 623); Construction Sites Insurance Obligations Regulations, 2024.

L.N. 39 of 2024: Sports Governance and Integrity Act (Cap. 626); National Platform for the Prevention of Corruption in Sport (Powers and Obligations) Regulations, 2024.

L.N. 40 of 2024: Sports Governance and Integrity Act (Cap. 626); Establishment and Composition of the National Platform for the Prevention of Corruption in Sport Regulations, 2024.

L.N. 41 of 2024: Accountancy Profession Act (Cap. 281); Accountancy Profession (General Accounting Principles for Small and Medium-Sized Entities) (Amendment) Regulations, 2024.

A.L. 42 tal-2024: Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382); Regolamenti tal-2024 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa.

L.N. 42 of 2024: Excise Duty Act (Cap. 382); Excise Duty Act (Amendment of Sixth Schedule) Regulations, 2024.

A.L. 43 tal-2024: Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382); Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tieni u s-Sitt Skedi li jinsabu mal-Att dwar Dazju tas-Sisa.

L.N. 43 of 2024: Excise Duty Act (Cap. 382); Excise Duty Act (Amendment of the Second and Sixth Schedules) Regulations, 2024.

A.L. 44 tal-2024: Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kap. 77); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Emenda Nru 2).

L.N. 44 of 2024: Conduct Certificates Ordinance (Cap. 77); Conduct Certificates Ordinance (Amendment of Fourth Schedule) (Amendment No. 2) Regulations, 2024.

A.L. 45 tal-2024: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2024 dwar l-Iskema ta' Investiment Seed.

L.N. 45 of 2024: Income Tax Act (Cap. 123); Seed Investment Scheme (Income Tax) Rules, 2024.

Il-5 ta' Marzu, 2024

5th March, 2024

Nru. 301

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 301

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE Principal Permanent Secretary has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Is-Sur Jeffrey Ellul	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	8.3.2024 - 14.3.2024

Il-5 ta' Marzu, 2024

5th March, 2024

Nru. 302

ĦATRA TA' AĠENT REĠISTRATUR QRATI TA' GĦAWDEX U TRIBUNALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 302

APPOINTMENT OF ACTING REGISTRAR GOZO COURTS AND TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and the Reform of the Construction Sector has approved the following acting appointment.

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Margaret De Battista	Aġent Reġistratur, Qrati ta' Għawdex u Tribunali *Acting Registrar Gozo Courts and Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	4-7.3.2024 both days inclusive

Il-5 ta' Marzu, 2024

5th March, 2024

Nru. 303

FONDAZZJONI GĦALL-AKKOMODAZZJONI AFFORDABBLI

Kunsill ta' Amministraturi

NGĦARRFU b'din għall-informazzjuoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli flimkien mal-Arċidjoċesi tal-Kurja tal-Arċisqof ta' Malta approva l-kompożizzjoni tal-Bord tal-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjonijiet Affordabbli skont l-istatut tal-organizzazzjoni. Dawn il-ħatriet huma validi sa sena mill-15 ta' Frar, 2024.

Chairperson
Is-Sur Ambaxxatur Roberto Buontempo

Membri
Is-Sa Rose-Anne Abdilla
Is-Sur Mark Cachia
Dott Yanika Vidal
Dott Frank Psaila
Is-Sur Domenic Sciberras

Il-5 ta' Marzu, 2024

No. 303

FOUNDATION FOR AFFORDABLE HOUSING

Council of Administrators

IT is hereby notified for general information that the Minister for Social and Affordable Accommodation together with the Archdiocese of Malta Archbishop's Curia, approve the composition of the Board for the Foundation for Affordable Housing according to the statute of the organisation. These appointments are valid for a year from the 15th February, 2024.

Chairperson
Mr Ambassador Roberto Buontempo

Members
Ms Rose-Anne Abdilla
Mr Mark Cachia
Dr Yanika Vidal
Dr Frank Psaila
Mr Domenic Sciberras

5th March, 2024

Nru. 304

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIEN hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-5 ta' Marzu, 2024
(File No. A/4487/1997)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'San Pawl il-Baħar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,293 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' Triq Emmanuele Pinto jew irjieħ verjuri u hija reġistrata fir-rekords tal-Awtorità bħala parti minn tenement numru J52720.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq San Pawl f'San Pawl il-Baħar, qiegħda tiġi terminata b'konnessjoni ma' proġett taċ-ċentru ċiviku.

No. 304

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the under-mentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

5th March, 2024

Description of the Land

The following land at St Paul's Bay:

A plot of land measuring about 2,293 square metres, bounded on the north and south by Government property and from the west by Triq Emmanuele Pinto or more precise boundaries and is registered on Authority records as part of tenement number J52720.

The abovementioned land in Triq San Pawl in St Paul's Bay, is being terminated in connection with a civic centre project.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D.2023_0750 li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-4 ta' Marzu, 2024

Nru. 305

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA, U XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Skema ta' Għotja, għax-xiri ta' kick scooters elettriċi ġodda minn persuni

IL-MINISTERU għat-Trasport, Infrastruttura, u Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta) qed jippubblika skema ta' għotja finanzjarja mmirata għal persuni residenti f'Malta sabiex tkompli tippromovi l-użu ta' kick scooters elettriċi ġodda, minn hawn 'il quddiem imsejħa e-kickscooters.

L-għotja hija meqjusa li daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Marzu, 2024, u hija fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

L-għotjiet għar-reġistrazzjoni ta' e-kickscooters ġodda, għandhom jibqgħu fis-seħħ kif ġej sal-31 ta' Diċembru, 2024, jew sakemm il-baġit disponibbli jiġi eżawrit.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-fini ta' din l-għotja, sakemm il-kuntest ma jeħtiġx mod ieħor:

'applikant' tfisser il-persuna residenti f'Malta li fuq isimha jiġi rreġistrat e-kickscooter ġdid u li tapplika għall-għotja taħt din l-iskema;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni magħmula għal għotja taħt din l-iskema;

'e-kickscooter ġdid' tfisser e-kickscooter li qatt ma ġie rreġistrat qabel f'Malta;

'kick scooter elettriku' jew 'e-kickscooter' għandhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fir-Regolament 2 tar-Regolamenti dwa il-Mikromobbiltà – L.S. 499.67;

'għotja' tfisser l-għotja li qed tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsima 4;

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D.2023_0750, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

4th March, 2024

No. 305

THE MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE, AND PUBLIC WORKS

Grant Scheme, for the purchase of new electric kick scooters by individuals

THE Ministry for Transport, Infrastructure, and Public Works in conjunction with the Authority for Transport in Malta (Transport Malta) is publishing a financial grant scheme aimed at persons residing in Malta to further promote the uptake of new electric kick scooters, herein after referred to as e-kickscooters.

The grant is deemed to have come into effect as of the 1st March, 2024, and is on a first come first served basis.

The grants for the registration of new e-kickscooters, shall remain into force as follows until the 31st of December, 2024, or until the available budget is exhausted.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of this grant, unless the context otherwise requires:

'applicant' means the person residing in Malta on whose name a new e-kickscooter is registered and who applies for the grant under this scheme;

'application' means the application made for a grant under this scheme;

'new e-kickscooter' means an e-kickscooter which has never been registered before in Malta;

'electric kick scooter' or 'e-kickscooter' have the same meaning as is assigned to them in Regulation 2 of the Micromobility Regulations – S.L. 499.67;

'grant' means the grant being given under this scheme to an applicant who satisfies the requirements of section 4;

'Malta' tfisser il-Gżejjer Maltin;

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna li jew ikollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258) jew li għandha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju għall-espatrijati fil-Ministeru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi;

'reġistrazzjoni' tfisser ir-reġistrazzjoni tal-e-kickscooter skont ir-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Mikromobbiltà, L.S.499.67;

'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499);

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1 L-iskema għal għotja finanzjarja għax-xiri ta' e-kickscooters ġodda, kif definit hawn fuq, tapplika għal kull persuna residenti f'Malta.

2.2 L-ammont tal-għotja maħruġ lill-applikanti għandu jammonta għal €150 għal kull e-kickscooter.

2.3 L-applikanti huma intitolati li jirċievu massimu ta' għotja waħda (1) taħt din l-iskema.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u dokumenti ta' sostenn

3.1 Applikazzjoni għal għotja taħt din l-iskema għandha ssir mill-applikant billi jissottometti l-formola ta' applikazzjoni VEH 078 flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni, dettalji u dokumenti meħtieġa fiha.

3.2 L-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati b'kopja taċ-ċertifikat maħruġ minn Transport Malta li jikkonferma min hu s-sid tal-e-kickscooter il-ġdid;

3.3 L-applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet tax-xogħol bejn is-7.30 a.m. u s-1.00 p.m. jew mibgħuta bil-posta lid-Dipartiment dwar il-Liċenzjar ta' Sewwieqa u Vetturi (DVLU) ta' Transport Malta f'wieħed mill-indirizzi ta' hawn taħt:

a) L-Ewwel Livell, A3 Towers, Triq l-Arkata, Raħal Ġdid PLA 1212;

b) Malta Transport Centre, Triq il-Pantar, Ħal Lija LJA 2021; jew

c) Id-Direttorat tal-Liċenzji u Testijiet ta' Għawdex, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex.

'Malta' means the Maltese islands;

'person residing in Malta' means a person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement;

'registration' means the registration of the e-kickscooter in accordance with Regulation 3 of the Micromobility Regulation, S.L.499.67;

'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499).

2. Area of applicability

2.1 The scheme for a financial grant for the purchase of new e-kickscooters as defined above, applies to any person residing in Malta.

2.2 The grant amount issued to applicants shall amount to €150 per e-kickscooter.

2.3 Applicants are entitled to receive a maximum of one (1) grant under this scheme.

3. Manner of application and supporting documents

3.1 An application for a grant under this scheme shall be made by the applicant by submitting application form VEH 078 along with any information, details and documents required therein.

3.2 Applications shall be accompanied by a copy of the certificate issued by Transport Malta confirming ownership of the new e-kickscooter;

3.3 Applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during working days between 7.30 a.m. and 1.00 p.m. or mailed to Transport Malta's Driver and Vehicle Licensing Unit (DVLU) at:

a) Level 1, A3 Towers, Triq l-Arkata, Paola PLA 1212;

b) Malta Transport Centre, Pantar Road, Lija LJA 2021; or

c) Licensing and Testing Services Gozo Directorate, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo.

4. Eliġibbiltà

4.1 Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jikkonforma ma' Taqsima 2.

4.2 Biex jikkwalifika għall-għotjiet, l-e-kickscooter għandu jkun ġdid u jkun ġie rreġistrat ma' Transport Malta mill-ewwel ta' Marzu, 2024 'il quddiem.

5. Ħlas tal-Għotja

5.1 Fejn applikant jikkwalifika għall-għotja, l-għotja għandha titħallas direttament f'kont bankarju miżmum biss jew b'mod konġunt mill-applikant, jew mill-konjuġi tal-applikant.

5.2 L-għotja mogħtija lix-xerrej ma għandhiex tiġi evalwata bħala dħul għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul.

5.3 Vettura hija eliġibbli għal għotja waħda biss.

6. Validità tal-applikazzjoni

6.1 Applikazzjoni m'għandhiex titqies li ġiet sottomessa mill-applikant sakemm ma timteliex bis-sħiħ u tkun akkumpanjata mid-dokumenti rilevanti kollha. Jekk l-applikazzjoni ma timteliex tajjeb u d-dokumenti rilevanti mhumiex inklużi, it-talba għall-għotja m'għandhiex tiġi pproċessata sakemm tingħata l-informazzjoni nieqsa. Transport Malta għandha tikteb lill-applikant biex tavżah dwar l-informazzjoni meħtieġa.

6.2 L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi telf ta' għotjiet jew opportunitajiet li jirriżultaw mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta.

7. Rifużjoni tal-għotja

7.1 Kwalunkwe e-kickscooter ġdid mixtri mill-applikant taħt din l-għotja għandu jibqa' reġistrat f'isem l-applikant għal perjodu ta' mill-inqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni

7.2 Jekk is-sid reġistrat ta' e-kickscooter li fuqu tkun inħarġet għotja taħt din l-iskema jittrasferixxi l-imsemmija vettura lil terza persuna, dik il-persuna għandha tħallas immedjatament lura l-għotja li tkun irċeviet mingħand Transport Malta.

7.3 Ir-rifużjoni msemmija f'7.2 hawn fuq m'għandhiex tkun meħtieġa fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

7.3.1 Meta t-trasferiment imsemmi fih ikun trasferiment causa mortis lil werriet jew lil terz jew trasferiment inter vivos favur il-miżżewġin, axxendenti u kollaterali diretti.

4. Eligibility

4.1 To be eligible, an applicant shall conform to Section 2.

4.2 To qualify for the grants, the e-kickscooter shall be new and have been registered with Transport Malta on or after the 1st of March, 2024.

5. Payment of Grant

5.1 Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be paid directly to a bank account held solely or jointly by the applicant, or by the spouse of the applicant.

5.2 The grant given to the purchaser shall not be assessed as income for income tax purposes.

5.3 A vehicle is only eligible for one grant.

6. Validity of application

6.1 An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided. Transport Malta shall write to the applicant, advising him of the information required.

6.2 The Authority shall not be held responsible for any loss of grants or opportunities resulting from the submission of an incomplete or incorrect application.

7. Refunding of grant

7.1 Any new e-kickscooter purchased by the applicant under this grant shall remain registered in the applicant's name for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration.

7.2 If the registered owner of an e-kickscooter on which a grant has been issued under this scheme transfers the said vehicle to a third party, than the total amount of the grant must be refunded upon transferring the vehicle to Transport Malta.

7.3 The refund mentioned in 7.2 above shall not be required in the following circumstances:

7.3.1 When the transfer mentioned therein is a transfer causa mortis to an heir or to a third party or transfer inter vivos in favour of spouses, ascendants and direct collaterals.

7.3.2 Meta t-trasferiment jinvolvi e-kickscooter mixtri taħt din l-għotja li jiġi ddikjarat li ma jistax jissewwa wara inċident jew għal kwalunkwe raġuni oħra u jiġi sostitwit b'e-kickscooter ġdid, f'liema każ il-kundizzjonijiet relatati ma' din l-għotja għandhom jiġu trasferiti lill-e-kickscooter ġdid li jissostitwixxi dak oriġinali. Ir-restrizzjoni ta' tliet snin tibda mid-data tar-reġistrazzjoni tal-e-kickscooter ġdid oriġinali.

7.3.3 Meta t-trasferiment jinvolvi e-kickscooter mixtri taħt din l-għotja li jintbagħat lura lill-aġent jew negozjant oriġinali għal kwalunkwe raġuni, u fejn l-aġent jew negozjant jaċċetta li jissostitwixxi l-imsemmi e-kickscooter b'e-kickscooter ġdid, f'liema każ kundizzjonijiet relatati ma' din l-għotja għandhom jiġu trasferiti għall-e-kickscooter li jieħu post dak oriġinali. Ir-restrizzjoni ta' tliet snin tibda mid-data tar-reġistrazzjoni tal-e-kickscooter ġdid oriġinali.

7.4 Meta e-kickscooter mixtri taħt din l-għotja jiġi rritornat lill-aġent jew negozjant oriġinali għal kwalunkwe raġuni, u l-aġent jew negozjant ma jibdlux b'e-kickscooter ġdid iżda jirrifondi lill-applikant bil-prezz kollu mħallas għall-e-kickscooter ġdid, l-applikant għandu jirrifondi parti mill-għotja riċevuta għall-vettura e-kickscooter skont il-perjodu li għadda mix-xiri tal-e-kickscooter u r-ritorn tiegħu lill-aġent, kif elenkat hawn taħt:

a) Inqas minn 12-il xahar: 75%;
b) Aktar minn 12-il xahar iżda inqas minn 24 xahar: 50%;
c) Aktar minn 24 xahar iżda inqas minn 36 xahar: 25 %.

8. Tul tal-iskema

8.1 Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom jiġu aċċettati sal-31 ta' Diċembru, 2024, jew sal-eżawriment tal-fondi allokati, sakemm ma jiġux modifikati jew terminati minn qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Minkejja dan, il-Gvern jista' jtemm jew jestendi l-iskema fi kwalunkwe ħin billi jagħti avviż minn qabel.

8.2 L-applikazzjonijiet li jaslu saż-żmien stipulat fi 8.1 jistgħu jiġu pproċessati, approvati u mħallsa wara l-iskadenzi stabbiliti.

8.3 Il-fondi bbaġitjati għal din l-iskema jammontaw għal mitt elf ewro (€100,000)

8.4 L-iskema tista' tiġġedded kif jitqies meħtieġ mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Emendi lill-iskema

9.1 Il-Ministru responsabbli għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu jkollu d-dritt li jagħmel kwalunkwe emenda għal din l-iskema permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

7.3.2 When the transfer involves an e-kickscooter purchased under this grant which is declared to be unrepairable following an accident or for any other reason and is replaced by a new e-kickscooter, in which case the conditions related to this grant shall be transferred to the new e-kickscooter replacing the original one. The three years restriction starts from the date of registration of the original new e-kickscooter.

7.3.3 When the transfer involves an e-kickscooter purchased under this grant which is returned to the original agent or dealer for any reason, and where the agent or dealer accepts to replace the said e-kickscooter with a new e-kickscooter, in which case the conditions related to this grant shall be transferred to the e-kickscooter replacing the original one. The three years restriction starts from the date of registration of the original new e-kickscooter.

7.4 When an e-kickscooter purchased under this grant is returned to the original agent or dealer for any reason, and the agent or dealer does not replace it with a new e-kickscooter but refunds the applicant with all or part of the price paid for the new e-kickscooter, the applicant shall refund part of the grant received for the e-kickscooter vehicle depending on the period elapsed from the purchase of the e-kickscooter and its return to the agent, as listed below:

a) Less than 12 months: 75%;
b) More than 12 months but less than 24 months: 50%;
c) More than 24 months but less than 36 months: 25%.

8. Duration of scheme

8.1 Applications under this scheme shall be accepted until the 31st of December, 2024, or until the exhaustion of budgeted funds, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. Notwithstanding, Government may terminate or extend the scheme at any time by giving prior notice.

8.2 Applications received within the deadline stipulated in 8.1 may be processed, approved and paid out after the set deadlines.

8.3 The budgeted funds for this scheme amount to one hundred thousand euro (€100,000).

8.4 The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works by a Notice in the Government Gazette.

9. Amendments to the scheme

9.1 The Minister responsible for Transport, Infrastructure and Public Works shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Talbiet b'qerq

10.1 Fejn tinqala' talba frawdolenti, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għandu jirrapporta l-kwistjoni lill-Pulizija biex jinbdew proċeduri kriminali. F'każ ta' ħlas ħażin ta' talba, l-imsemmi Ministru jirriserva d-dritt li jirkupra fondi mħallsa bi żball. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta hija korretta.

Il-5 ta' Marzu , 2024

Nru. 306

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

10. Fraudulent claims

10.1 Where a fraudulent claim arises, the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works shall report the matter to the Police for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the said Minister reserves the right to recover funds paid in error. Applicants are to make sure that the information provided is correct.

5th March, 2024

No. 306

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Manfred Sawyer	363596M	20, Joe Rose, Flat 1, Triq Anġlu Gatt, Il-Mosta
Josette Mizzi	228281M	10, The Passion Crt, Flat 1, Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi
Stevianne Grech	328498M	7, Triq id-Duluri, Il-Ħamrun
Amie Degiorgio	55805L	Blk 2, Flat 9, Triq id-Deheb Fin, Ħal Qormi
Muhammad Salman Saeed	345138A	49, Triq it-Tabib Robert Naudi, L-Imsida
Dejan Grujicic	163337A	53, St Francis Crt, Flat 2, Triq Alofju, Wignacourt, San Pawl il-Baħar
Haider W. J Abu Asaf	35577A	45, Triq is-Sebuqa, San Ġwann
Birendra Kumar Jha	392817A	73, Triq l-Assunta, Il-Marsa
Sharon Shaji Joseph	384808A	28, Meridian, Flat 8, Triq Qerd in-Naħal, Ħal Safi
Binayak Banjara	357806A	120, Desiree, Triq id-Deheb Fin, Ħal Qormi
Debit Limbu	431431A	Rm 469, St George's Park Hotel, Triq id-Dragunara, San Ġiljan
Jason Borg	488271M	66, Case Roma, Triq San Pietru u San Pawl, L-Isla
Joevin Ellul	345787M	17, Seabreeze, Flat 1, Triq il-Knisja, San Pawl il-Baħar
Roderick Johann Theuma	664082M	Micson Flats, Flat 3.1, Triq il-Fejġel, Ir-Rabat
Bolbam Das	396760A	62A, Palm Crt, Triq Victor Denaro, L-Imsida
Edwin Edison	411129A	97, Mike Rose, Triq San Bastjan, Ħal Qormi
Andrè Xuereb	431074M	28, Olive Crt, P/h 7, Triq iż-Żebbuġa, Il-Gudja
David Ellul	613482M	18, Pitiross, Triq Tal-Awrora, Il-Mosta

Kamal Kazi	371129A	58, The Strand, Flat 2, Ix-Xatt, Tas-Sliema
Jobin Arackamyalil Joy	364545A	27, First Dream Crt, Flat 5, Triq Marju Schembri, Ħal Tarxien
Daniel Bonnici	521790M	60, Triq il-Lewċ, Il-Gudja
Basanta Kumar Thapa	415687A	109, Joleen, Triq Flerur-De-Lys, Birkirkara
Tevfik Korkmaz	423413A	120, Marina Crt, Flat 1, Triq Tas-Sliema, Il-Gżira
Volkan Yusuf Yalcinkaya	414355A	190, Flat 8, Triq Nazju Ellul, Il-Gżira
Adarsh Singari	312035A	Bruckside Court, Flat 3, Triq Patri Felic Sammut, San Pawl il-Baħar
Daniel John Hartley	112199M	39, Joli, Flat 3, Triq il-Karmnu, San Pawl il-Baħar
Sonia Penza	394176M	47, Triq San Pawl, Ħal Luqa
Jason Cutajar	209682M	213, Triq San Gejtanu, Il-Ħamrun
Alexander Balzan	347666M	159, Eisenhower, Triq Hompesch, Il-Fgura
Josann Abdilla	550784M	154B, Jahweh-Jire, Triq il-Merħba, Il-Fgura
Ravikanth Gaddam	384493A	Princess Court, Blk B, Flat 16, Triq il-Karmnu, San Ġiljan
Nima Dorje Lama	391272A	St George's Park Hotel, Flat 457, Triq id-Dragunara, San Ġiljan
Gaetan Anthony Brincat	78499M	Binja Tas-Sgħajtar, Ent. F, Flat 6, Triq it-Tuffieħ, Triq Emmanuele Pinto Triq Emmanuele Pinto In-Naxxar
Mujahid Mohammad Abdul	393876A	8, Anne, Triq il-Kulleġġ, Birkirkara
Dibu Manalodiyil Chackochan	373183A	Blk F, Flat 32, Triq Vajrita, Marsaskala
Jain Thomas	193551A	St Cone, Triq San Ġużepp, Raħal Ġdid
Priscilla Borg	153194M	80, Ta' Jannara, Blk C, Flat 12, Triq il-Kan. Karmenu Pirotta, Birkirkara
Raphael-John Mallia	108076M	77, Manoel Center Flat 1, Triq Manoel De Vilhena, Il-Gżira
Jaseel Abdul Basheer	387080A	52, Turtle Dove, Flat 2, Triq Ta' Mellu, Il-Mosta
Marko Mihajlovic	189780A	66, Ballut, Flat 6, Triq il-Ħalel, San Pawl il-Baħar
Cowlin Debono	179403L	Hubbard, Blk XI, Flat 7, Triq Rikkardu Taylor, Bormla
Shermise Saliba	219005L	29, Misraħ is-Sliem, Ħaż-Żabbar
Jacqueline Debattista	130369M	74, Triq Stiefnu Zerafa, Il-Marsa
Rajesh Daidi	408414A	25, Spring Flats, Triq Ħal Tartarni, Ir-Rabat
Jonathan Borg	566381M	141, Cor Di Maria, Triq San Ġwann, Ħal Għargħur
Abdul Latif	230544A	28, Marlborough, Triq il-Laċċi, San Pawl il-Baħar
Anish Basnet	414195A	29, Lija Res Comp, Flat 101, Triq Robert Mifsud Bonnici, Ħal Lija
Kelvin Uzuorji	434688A	249, My Nest, Flat 2B, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema
Rakesh Kasturi	360488A	62, Kampanella, Flat 3, Triq is-Salib Imqaddes, Birkirkara
Pankaj Kumar	314598A	58, Flat 2, Triq ix-Xatt, Tas-Sliema
Hitesh Pahuja	434581A	Champagne Gardens, Blk G, Flat 1, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar
Navjot Singh Batth	426928A	118, Triq iċ-Ċawsli, Ħal Qormi
Raman Giri	431591A	St George's Park Hotel, Triq id-Dragunara, San Ġiljan
Sascha Pace	277604L	24, Flat 2, Triq San Lawrenz, Birkirkara
Carl Lydon Dimitri	176097M	6, Triq il-Pjazzetta, Il-Birgu

Neil Belli	405003L	Silver Birch, Flat 1, Triq Mro. Filippo Galea, Ħaż-Żebbuġ
Kaylon Zammit	339605L	Blk 7, Bieb 3, Flat 2, Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla
Antonia De Giorgio	268369M	15, Triq Ta' Gerxija, Ta' Sannat, Għawdex
Werknesh Gunfa Sori	71370A	82, Flat 2, Triq il-Ħortan, Marsaskala
Nicholas Frederick Crentsil	251097A	65, St James Res Quarters, Misraħ San Ġakbu, Ħaż-Żabbar
Zoran Jocic	189221A	111, Antmar, Triq Santa Tereza, Ħaż-Żabbar
Dhileep Kairi	349430A	65, Triq il-Knisja, Raħal Ġdid
Alvin George	418929A	Vicjoe Crt, Flat 2, Trejqet il-Poeti, L-Iklin
Theresa Scicluna	131583M	3, Crocus, Triq Antonio Busuttil, Ħad-Dingli
Jovin Ebejer	399896M	28, Blk E, Flat 15, Triq Andrè Maurois, San Ġiljan
Saviour Falzon	454165M	21, Trejqet Ta' Pascarella, Ħal Qormi
Jean Paul Vella	73888M	Osmond Crt, Blk A, Flat 14A, Triq il-Papa Piju XII, Ħaż-Żabbar
Ergis Sinani	427044A	Binja Għenieq, Flat 6, Triq il-Ħamrija, In-Naxxar
Saiful Islam Mohammad	310312A	Galaxy Crt, Flat 2, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar
Dusan Cvetkovic	407257A	6, Sunset Cove, Flat 2, Sqaq Stejfen, Il-Mellieħa
Umut Tas	322674A	129, Flat 1, Triq in-Naxxar, San Ġwann
Dharmapal Kumar Dhuluri	386332A	Bastion Crt, Flat 1A, Triq il-Karmelitani, Il-Fgura
Branislav Gavrilovic	162774A	45, Flat 3, Triq il-Kbira, Il-Mosta
Mladen Abramovic	363231A	108, La Riviera, Blk A, Flat 1, Triq San Albert, Il-Gżira
Antonia Baldacchino	460568M	7, Rose A Marie, Vjal De La Cruz, Ħal Qormi
Lara Farrugia	371385M	84, Love Doves, Triq Tal-Ħamrija, Marsaskala
Nikita Busuttil	393299M	114, L-Għarix, Triq il-Karmnu, Ħaż-Żabbar
Ambika Soman	608123L	58, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Il-Mosta
Matthew Chetcuti	169591M	56, Orchid, Flat 3, Triq Tas-Sliema, Il-Gżira
Josef Grech	386583M	Otello Mans D1 Esperanza, Triq l-Għakrux, Ħaż-Żabbar
Jinesh Mullappurath	335988A	60, Flat 8, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Il-Ħamrun
Algesh Kunnathuparambil Subramanian	384356A	33, Tony, Flat 3, Triq Ball, San Ġiljan

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzji għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-5 ta' Marzu, 2024

Nru. 307

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, l-ko-inkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn ko-inkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

Il-5 ta' Marzu, 2024

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

5th March, 2024

No. 307

LANDS AUTHORITY

Notification of Affixation of Notice

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

5th March, 2024

Nru. tal-Applikazzjoni *Application No.*	Nru. tal-Proprjetà/Tenement *Property/Tenement No.*	Deskrizzjoni tal-Proprjetà *Property Description*	Talba *Request*
AGRI 1/2021/0786	052896-002	Land l-aħrax tal-Madonna - MELLIEĦA	Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer
AGRI 1/2021/0953	50444-001	16th ptn of Farm Ħemsija - MDINA	Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer
AGRI 1/2021/0990	50773-009	Ix-Xagħra l-Kbira 3rd ptn Bulebel iż-Żgħir - ŻEJTUN	Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer
AGRI 1/2021/1056	Z50053-004	10th ptn of Farm ta' Ħamet - XAGĦRA - GOZO	Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer

No. 308

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

Dwar ir-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Miżuri ta' Infurzar fir-rigward ta' Servizzi tal-Intermedjazzjoni Online għall-Utenti Kummerċjali

1. Introduzzjoni

Dan id-dokument jagħti sommarju u tagħrif dwar ir-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Miżuri ta' Infurzar fir-rigward ta' Servizzi tal-Intermedjazzjoni Online għall-Utenti Kummerċjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti".

Dawn ir-regolamenti qegħdin isiru mill-Ministru responabbli għal komunikazzjonijiet wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (hawn iżjed 'il quddiem msejħa "MCA") skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47 tal Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta)

2. Sommarju u sfond

Dawn ir-regolamenti jemendaw ir-Regolamenti dwar Miżuri ta' Infurzar fir-rigward ta' Servizzi tal-Intermedjazzjoni Online għall-Utenti Kummerċjali (hawn iżjed 'il quddiem msejħa "L.S. 399.49") L.S. 399.49 timplimenta l-mizuri ta' infurzar li jippermettu lill-utenti kummerċjali, u organizzazzjonijiet, assoċjazzjonijiet jew korpi pubbliċi maħtura sabiex ifittxu rimedju jekk hemm nuqqas ta' konformità ma' xi artikoli tar-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament UE") minn fornitur ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online jew fornitur tal-magni tat-tiftix online.

Dawn l-emendi jtejbu d-dispożizzjonijiet preżenti kif implimentati skont L.S. 399.49 biex jipprovdu għal miżuri ta' rimedju iżjed komprensivi għall-utenti kummerċjali, utenti ta' siti web korporattivi, u organizzazzjonijiet, assoċjazzjonijiet jew korpi pubbliċi maħtura jekk jkun hemm nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament UE.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Regolament 1: jistipula t-titolu tar-regolamenti.

Regolament 2: jipprovdi għas-sostituzzjoni ta' ċertu termini użati f'L.S. 399.49 għall-finijiet ta' aktar kjarezza.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skont l-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Regolament 3: jipprovdi għas-sostituzzjoni tar-regolament 4 preżenti ta' L.S. 399.49

Ir-regolament 4 l-ġdid ta' L.S. 399.49 jagħti s-setgħa li:

utent kummerċjali jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ċivili sabiex jikseb rimedju għal telf jew ħsara u, jew sabiex iwaqqaf in-nuqqas ta' konformità minn fornitur ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online ma' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3 sa 12 tar-Regolament tal-UE; u

utent ta' sit web korporattiv jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ċivili sabiex jikseb rimedju għal telf jew ħsara u, jew iwaqqaf in-nuqqas ta' konformità minn fornitur ta' magni tat-tiftix online ma' kwalunkwe mid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 5 u, jew 7 tar-Regolament UE.

Regolament 4: jipprovdi għas-sostituzzjoni tar-regolament 5 preżenti ta' L.S. 399.49

Ir-regolament il-ġdid 5 jagħti s-setgħa lil organizzazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u korpi pubbliċi maħtura sabiex jippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ċivili għal ordni biex twaqqaf jew tipprojbixxi n-nuqqas ta' konformità ta' fornitur ta' servizzi tal-intermedjazzjoni online jew ta' fornitur ta' magni tat-tiftix online fir-rigward ta' nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli tar-Regolament UE sa fejn dawn huma applikabli għal fornitur konċernat.

Regolament 5: jipprovdi għaż-żieda ta' regolament ġdid f'L.S. 399.49

Ir-regolament il-ġdid li qiegħed jiġi miżjud f'L.S. 399.49 (jiġifieri r-regolament 7) jeħtieġ li kwalunkwe utent kummerċjali, utent ta' sit web korporattiv jew organizzazzjonijiet, assoċjazzjonijiet jew korp pubbliku maħtur li jistitwixxi azzjoni skont dawn ir-regolamenti sabiex jinnotifikaw lill-MCA b'kopja tar-rikors promotur unikament għall-finijiet ta' informazzjoni.

4. Kummentarju fuq il-partijiet u l-artikoli

Dawn ir-regolamenti huma intiżi sabiex jippermettu utenti kummerċjali, utenti ta' siti web korporattivi, u organizzazzjonijiet, assoċċjazzjonijiet jew korpi pubbliċi maħtura jkunu jistgħu jfittxu rimedju quddiem il-Qorti Ċivili jekk hemm jew jista' jkun hemm nuqqas ta' konformità mad-dispozizzjonijiet tar-Regolament UE.

5. Konklużjoni

Ir-regolamenti li jemendaw L.S. 399.49 jidħlu fis-seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta. Għal kull mistoqsija f'dan ir-rigward wieħed jista' jikkuntattja lill-MCA fuq in-numru 21336840 jew fuq (legal@mca.org.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Il-5 ta' Marzu, 2024

No. 308

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

Explanatory Notes[1]

In relation to the Online Intermediation Services for Business Users (Enforcement Measures) (Amendment), Regulations, 2024

1. Introduction

This document summarises and gives background information about the Online Intermediation Services for Business Users (Enforcement Measures) (Amendment) Regulations, 2024, hereinafter referred to as "the regulations".

These regulations are being made by the Minister responsible for communications after consultation with the Malta Communications Authority (hereinafter referred to as 'MCA') in accordance with the provisions of article 47 of the Electronic Communications (Regulation) Act (Chapter 399 of the Laws of Malta).

2. Summary and background

These regulations amend the Online Intermediation Services for Business Users (Enforcement Measures) Regulations (hereinafter referred to as "S.L. 399.49"). S.L. 399.49 implements enforcement measures enabling business users, and designated organisations, associations or public bodies to seek redress if there is non-compliance with certain articles of Regulation (EU) 2019/1150 of the European Parliament and of the Council of 20 June 2019 on promoting fairness and transparency for business users of online intermediation services (hereinafter referred to as "the EU Regulation") by a provider of online intermediation services or a provider of online search engines.

These amendments enhance the current provisions as implemented under S.L. 399.49 to provide for a more comprehensive means of redress for business users, corporate website users, and designated organisations, associations or public bodies if there is non-compliance with any of the applicable provisions of the EU Regulation.

3. Overview of the structure of the instrument

Regulation 1: stipulates the title of the regulations.

Regulation 2: provides for the substitution of certain terms used in S.L. 399.49 for clarification purposes.

Regulation 3: provides for the substitution of the current regulation 4 of S.L. 399.49.

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

The new regulation 4 of S.L. 399.49 empowers:

a business user to file application before the Civil Court to seek redress for loss or damages and, or to stop the non-compliance by a provider of online intermediation services with any of the provisions of Articles 3 to 12 of the EU Regulation; and

a corporate website user to file an application before the Civil Court to seek redress for loss or damages and, or to stop the non-compliance by a provider of online search engines with any of the provisions of Articles 5 and, or 7 of the EU Regulation.

Regulation 4: provides for the substitution of the current regulation 5 of S.L. 399.49

The new regulation 5 of S.L. 399.49 empowers a designated organisation, association or public body to file an application before the Civil Court for an order to stop or prohibit the non-compliance by a provider of online intermediation services or by a provider of online search engines in relation to non-compliance with any of the provisions of Articles 3 to 12 of the EU Regulation in so far as these are applicable to the provider concerned.

Regulation 5: provides for the addition of a new regulation to S.L. 399.49

The new regulation being added to S.L. 399.49 (i.e. regulation 7) requires any business user, corporate website user or designated organisation, association or public body instituting an action in accordance with the regulations to notify the MCA with a copy of the application initiating the action only for information purposes.

4. Commentary on parts and articles

These regulations are intended to enable business users, corporate website users or designated organisations, associations or public bodies to seek redress before the Civil Court if there is or there is likely to be non-compliance with the provisions provided for under the EU Regulation.

5. Conclusion

The regulations amending S.L. 399.49 come into force as from their date of publication in the Gazette. For any queries in this regard one may contact the Malta Communications Authority on 21336840 or on legal@mca.org.mt.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

5th March, 2024

No. 309

MALTA ENTERPRISE

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Regolamenti tal-2024 dwar Għajnuna għal Bidu ta' Negozju (2024)
Attività li trid tiġi regolata	Ir-regolamenti huma maħsuba biex jappoġġaw negozju ġdid żgħir b'fond tal-bidu. Il-miżura se tappoġġa negozji ġodda żgħar biex ikomplu jiżviluppaw il-proposta tan-negozju tagħhom qabel ma jfittxu aktar finanzjament jew ishma ta' partijiet terzi.
Entità responsabbli	L-iskema se tkun amministrata mill-Intrapriża ta' Malta (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "il-Korporazzjoni").

2. Taqsira u l-isfond

L-għan tal-iskema huwa li tappoġġa n-negozji ġodda b'fond inizjali tal-bidu ta' mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000) li għadhom fil-fażi ta' żvilupp bikri tagħhom. Dawn n-negozji ġodda jkollhom kunċett ta' negozju żviluppat li għadu mhux se jkun appoġġat minn pjan ta' negozju formali. Din l-għajnuna se tappoġġa lill-applikanti eliġibbli biex jiżviluppaw pjan komprensiv ta' implimentazzjoni u tkabbir ibbażat fuq il-kunċett tan-negozju kif se jiġi deskritt fl-applikazzjoni.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Il-leġiżlazzjoni tikkonsisti f'ħames (5) regolamenti, kif ġej:

Regolament 1: Titolu u l-bidu fis-seħħ.
Regolament 2: Tifsir.
Regolament 3: Għajnuna għall-impriżi eliġibbli.
Regolament 4: Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna.
Regolament 5: Dispożizzjoni tranżitorja.

4. Kummentarju

Ir-regolament 1 jistabbilixxi li dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2024.

Ir-regolament 2 jipprovdi d-definizzjoni tat-termini importanti.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-Artikolu 3 (2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

By the present, Advocate Doctor Frank B. Testa (ID 424180M) for and on behalf of the Malta Tourism Authority of Building SCM01, Level 3, Suite 301-206, Smart City, Ricasoli, Kalkara, is soliciting you so that you pay the global sum of €1959.07 besides further interest till the effective payment. This amount is a certain, liquid and due debt and is due by you in solidum to the interpellant Authority and represents fees due by you in connection with the following:

a. The amount of €472.50 represents fees due to the Malta Tourism Authority in connection with license number BAR/3741 covering the operation of the bar with address Revolution Snack Bar, 219, Triq l-Ifran, Valletta;

b. The amount of €1,486.57 represents fees due to the Malta Tourism Authority in connection with the license number CE/3471 covering the operation of the snack bar with address Revolution Snack Bar, 219, Triq l-Ifran, Valletta.

This solicitation is being made for all intents and purposes of Article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta) and the interpellant Authority is also by means of this judicial letter notifying you with the attached declaration signed as document A.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek permezz ta' rikors fi żmien ta' għoxrin jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali skont l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Awtorità mittenti tgħaddi sabiex tesegwixxi kontra tagħkom dan il-kreditu skont il-liġi.

Illi fin-nuqqas ta' ħlas tal-imsemmi ammont minnek dovut lill-Awtorità mittenti skont kif indikat f'din l-ittra jew fil-każ li topponi t-talba kif fuq imsemmi, l-Awtorità mittenti tirriżerva d-dritt li tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi, mingħajr ebda preavviż ulterjuri, inkluż bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u biex jigu evitati spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-preżenti ittra uffiċjali u drittijiet legali u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This judicial letter is being sent to you for all intents and purposes of law and in default of payment or opposition on your part by means of an application within twenty days from the service of this judicial letter according to Article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta), the interpellant Authority shall proceed to enforce against you this debt according to law.

In default of payment of the said amount due by you to the interpellant Authority as indicated in this letter or in case you oppose the demand as above mentioned, the interpellant Authority reserves the right to proceed further against you according to law, without any further notice, including by requesting the issue of the opportune warrants according to law.

So much so that you may know how to proceed and to avoid useless expenses.

With costs including those of the present judicial letter and legal fees and legal interest till the date of effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

524

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fil-14 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-rikors numru 186/2022AC, fl-atti tal-kawża Pjan ta' Permanenza Alternattiv Z.P. ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Lisa Pace a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota tal-Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal fl-atti tal-kawża numru 186/2022AC ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fid-9 ta' Settembru, 2022, ir-rikorrenti Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu wara d-deċiżjoni li ttieħdet minnu fl-20 ta' Jannar, 2022, immarkata Dok. A skont l-artikolu 33(7) u l-artikolu 33(10) għall-pjan ta' permanenza alternattiv li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. B u dan sabiex jingħata digriet minn din l-Onorabbli Qorti fejn jiġi ordnat illi dan il-pjan ta' permanenza alternattiv huwa fl-aħjar interess tal-minuri (Art 23(4)).

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Settembru, 2022, il-Qorti ordnat wara li rat id-dokument esibiti u l-Artikolu 23(1)(4)(5) u 33(7) tal-Kap. 602 li m'hemmx il-ħtieġa li tisma' lill-minuri ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Kap. 602 u lanqas ma hemm bżonn li tisma' fehmiet oħra kif ukoll li

By means of a decree of the 14th February, 2024, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 186/2022AC in the acts of the application Alternative Permanency Plan Z.P., the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Lisa Pace in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the names The Minors Care Review Board filed in the Juvenile Court, on the 9th September, 2022, in the acts of the Application Number 186/2022AC, the applicant the Minors Care Review Board filed its recommendations on the decision it has taken on the 20th Janaury, 2022, by means of document marked as Doc. A and this according to Article 33(7) and Article 33(10) for the alternative permanency plan that is being here attached and marked as Doc. B, so that a decree by this Honourable Court will be given to order that the alternative permanency plan is in the best interest of the minor (Art 23(4)).

By means of a decree dated 14th September, 2022, the Court ordered after it saw the exhibited documents and Article 23(1)(4)(5) and 33(7) of Cap. 602 that there is no néed to hear the minor in terms of article 17(1) of Cap. 602 and there is also no néed to hear other views and that the

l-Qorti hija tal-fehma illi l-pjan ta' permanenza alternativa kif propost huwa fl-aħjar interess tal-minuri … omissis … u tordna li dan jidħol fis-seħħ.

Il-Qorti ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri kkonċernat tkun vestita fid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) is-Sinjura Remenda Grech (KI 28184M) ordnat ukoll li l-awtorizzazzjoni medika u edukattiva tkun vestita f'idejn is-Sur Mark Pellicano (KI 342987M).

Il-Qorti ordnat li l-minuri jkompli jirrisjedi ġewwa d-dar residenzjali ta' Fra Diegu bil-possibbiltà li l-minuri jingħata għall-adozzjoni jekk tinsab familja idonea għalih.

Esponenti: Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri, 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera

Notifika: Lisa Pace, Victoria Mansions, P/H6, Sqaq il-Vitorja Nru 5, Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 1-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Court is of the opinion that the alternative permanency plan as proposed is in the best interest of the minor … omissis … and order that it comes into force.

The Court ordered that the care and custody of the concerned minor be vested in the Director of Alternative Care (Children and Minors) Ms Remenda Grech (ID 28184M) and ordered also the medical and educational authorisation be vested in the hands of Mr Mark Pellicano (ID 342987M).

The Court ordered that the minor continues to reside at the residential home of Fra Diegu with the possibility that the minor will be given to adoption if a suitable family is found for him.

Applicant: The Minors Care Review Board, 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera

Notification: Lisa Pace, Victoria Mansions, P/H 6, Sqaq il-Vitorja Nru 5, Ħal Qormi

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

525

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Frar, 2024, fuq rikors ta' Dott. John Bugeja (KI 452783M) noe, ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-konsenja qamħ hawn taħt deskritti maqbuda mingħand Savana Global Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni ICC20190056.

34,557.270 tunnellata metrika ta' qamħ li jinsab maħżun ġewwa s-silos ta' Kordin Grain Terminal.

N.B. L-imsemmija konsenja qamħ tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-subbasta 5/24.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th February, 2024, on the application of Dr John Bugeja (ID 452783M) noe, Monday 11th March, 2024, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held at Room number 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following wheat consignment from the property of Savana Global Limited with the registration number ICC20190056.

34,557.270 metric tons of wheat which is stored inside silos of Kordin Grain Terminal.

N.B. The said wheat consignment will be sold as described in the acts of judicial sale file number 5/24.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 1st March, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

526

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2023 fuq talba ta' Nicolina Baldacchino et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-aħwa Leone Francesco Gauci Sant u Emma Depiro Gourgion fl-atti taċ-ċedola numru 2195/2023 fl-ismijiet Nicolina Baldacchino et vs Maria Licia sive Lica Baldacchino u kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2195/2023 fl-ismijiet Nicolina Baldacchino (KI 750738M), mart il-mejjet Peter Paul Baldacchino, bint il-mejtin George Vella u Maria Concetta née Magro mwielda l-Imqabba u residenti numru 5, Maria Concetta, Triq Santa Katarina, L-Imqabba, u Christopher Schembri Baldacchino (KI 422787M) bin Peter Schembri u Mary Rose née Baldacchino, imwieled Tal-Pietà u residenti numru 63, Seagull, Pjazza tal-Ġublew tad-Djamanti, L-Imqabba, vs Maria Licia sive Licia Baldacchino (KI 316956M), mart il-mejjet Anthony Baldacchino, bint Joseph Cascun u Maria née Mallia, imwielda s-Siġġiewi u residenti Mirage, Triq Ramija, Is-Siġġiewi SGW 1111, Malta, qua eredi tal-mejjet Anthony Baldacchino u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-aħwa Leone Francesco Gauci Sant u Emma Depiro Gourgion, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2023, fejn Nicolina Baldacchino u Christopher Schembri Baldacchino esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti Nicolina Baldacchino u Christopher Schembri Baldacchino huma s-sidien fi kwota ta' nofs sehem indiviż kull wieħed ta' boathouse bin-numru 20, mingħajr isem, f'Għar Lapsi, is-Siġġiewi, illi kienet tħaffret u ġiet kostruwita minn Peter Paul (li kien ukoll magħruf bħala Pietro) Baldacchino illum mejjet, li d-dettalji tagħha huma mogħtija aktar 'il quddiem f'din iċ-ċedola;

Illi Peter Paul Baldacchino (li jiġi r-raġel ta' Nicolina Baldacchino u n-nannu ta' Christopher Schembri Baldacchino) li llum huwa mejjet, kien akkwista mingħand William Thake b'titolu ta' subemfitewsi perpetwa porzjoni diviża mis-sottoswolo tat-terran u garaxx, proprjetà tas-subkonċedent William Thake, li jinsabu mibnija fuq biċċa art maqsuma mill-artijiet imsejħin Il-Għira ta' Għar Lapsi li jinsabu f'Għar Lapsi, limiti tas-Siġġiewi, liema biċċa art maqsuma hija tal-kejl ta' ċirka 68qk u tikkonfina mil-Lvant ma' proprjetà ta' Giuseppe Cascun, min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-eredi tan-nobbli Sinjura Emma armla mis-Sur Pio Depiro Gourgion u tas-Sur Leone Francesco Gauci Sant, aħwa Gauci Sant, u liema porzjon tas-sottoswolo konċessa in subemfitewsi hija tal-kejl ta' ċirka 420 pied kwadru u għandha faċċata fuq rampa ta' proprjetà tal-Gvern ta' 14-il pied lineari, tikkonfina mil-Lvant mas-sottoswol ta' proprjetà viċina tal-imsemmi Giuseppe Cascun, min-Nofsinhar mar-rampa għad-dgħajjes proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana mas-sottoswol li

By means of a decree given by this Court on the 13th October, 2023, following a request by Nicolina Baldacchino et vs deputy curators to represent the unknown heirs of the siblings Leone Francesco Gauci Sant and Emman Depiro Gourgion in the records of the schedule of deposit number 2195/2023 in the names Nicolina Baldacchino vs Maria Licia sive Licia Baldacchino vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 2195/2023 in the names of Nicolina Baldacchino (ID 750738M) wife of the late Peter Paul Baldacchino, daughter of the late George Vella and Maria Concetta née Magro born in Mqabba and residing at 5, Maria Concetta, Triq Santa Katarina, Mqabba, and Christopher Schembri Baldacchino (ID 422787M) son of Peter Schembri and Mary Rose née Baldacchino, born in Tal-Pietà and residing at number 63 Seagull, Pjazza tal-Ġublew tad-Djamanti, Mqabba, vs Maria Licia sive Licia Baldacchino (ID 316956M), wife of the late Anthony Baldacchino, daughter of Joseph Cascun and Maria née Mallia, born in Siġġiewi and residing at Mirage, Triq Ramija, Siġġiewi SGW 1111, Malta, here as heir of the late Anthony Baldacchino and deputy curators to represent the unknown heirs of the siblings Leone Francesco Gauci Sant and Emma Depiro Gourgion, filed in the First Hall of the Civil Court on the 12th October, 2023, the applicants Nicolina Baldacchino and Christopher Schembri Baldacchino respectfully submitted:

That the applicants Nicolina Baldacchino and Christopher Schembri Baldacchino are the owners in the share of one half undivided share each of a boathouse number 20, without name, in Għar Lapsi, Siġġiewi which had been excavated and constructed by Peter Paul (who was also known as Pietro) Baldacchino today deceased, details of which are given later in this schedule of deposit;

Peter Paul Baldacchino (who is the husband of Nicolina Baldacchino and the grandfather of Christopher Schembri Baldacchino), who is today dead, had acquired from William Thake by title of perpetual subemphyteusis a divided portion of the sub-soil of the ground floor and garage, owned by the sub-emphyteuta William Thake, which are built on a plot of land divided by the lands called Il-Għira ta' Għar Lapsi situated in Għar Lapsi, limits of Siġġiewi, which divided plot of land is of the area of about 68 square canes and bounded on the east by property of Giuseppe Cascun, on the south by Government property and on the north by property of the heirs of the noble Mrs Emma widow of Mr Pio Depiro Gourgion and of Mr Leone Francesco Gauci Sant, siblings Gauci Sant, and whose portion of the subsoil contracted in subemphyteusis is of the area of about 420 square feet and has a facade on a ramp owned by the Government of 14 linear feet, bounded on the east by the subsoil of the property of the said Giuseppe Cascun, on the south by the ramp for boats owned by the Government and on the north

jibqa' tal-proprjetà tal-komparent Sur Thake, liema porzjoni tas-sottoswolo konċessa in subemfitewsi ġiet akkwistata minn Peter Paul Baldacchino bl-iskop li jħaffer ġewwa fiha, għar, ossija boathouse, bis-subċens annwu u perpetwu ta' Lm8 (illum ekwivalenti għal €18.63 li bdew jiddekkorru mid-data tal-att u jitħallsu kull sena bil-quddiem, u dan skont kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dott. Nicola Said tat-30 ta' Ottubru, 1960 (Kopja tal-Kuntratt relattiv hawn anness u mmarkat bħala Dok. A);

Illi ma' din ic-cedola qiegħda tigi wkoll annessa pjanta tal-proprjetà in kwistjoni u mmarkata bħala Dok. B;

Illi sussegwentement skont kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard tad-9 ta' Ottubru, 1987 (kopja tal-kuntratt relattiv hawn anness u mmarkat bħala Dok. C), William Thake kien ittrasferixxa b'titolu ta' bejgħ favur Anthony Baldacchino (a) id-dar bil-garaxx magħha bla numru però ġġib l-isem Gawhra ġja magħrufa Teresanna fi Triq bla isem f'Għar Lapsi limiti tas-Siġġiewi, suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm2 u (b) is-subdirett dominju u s-subċens annwu u relattiv impost fuq żewġ garaxxijiet ossija boathouses kontigwi u adjaċenti bla numru u bla isem imħaffra fis-sottoswol tad-dar fuq deskritta b'faċċata fuq il-passaġġ, ossija rampa li tagħti għall bajja ta' Mizun u jikkonfinaw flimkien min-nofsinhar mal-imsemmi passaġġ, mil-lvant mas-sottoswol proprjetà tal-familja Cascun u mit-Tramuntana mas-sottoswol tal-imsemmija dar.

Illi għalhekk, is-subċens annwu u perpetwu ta' Lm8 (illum ekwivalenti għal €18.63) illum huwa dovut lil Maria Licia sive Licia Baldacchino qua eredi universali ta' Anthony Baldacchino;

Illi Anthony Baldacchino miet fis-16 ta' Settembru, 2022, u skont l-aħħar testment tiegħu unica charta magħmul flimkien ma' martu Maria Licia sive Licia Baldacchino fl-atti tan-Nutar Dott. Veronica Mizzi Young tal-15 ta' Settembru, 2021, fost dispożizzjonijiet oħra, huwa rrevoka u ħassar kwalunkwe testment preċedenti filwaqt li ħatar u nnomina lil martu bħala l-unika werrieta universali tiegħu u padruna assoluta tal-ġid kollu tiegħu;

Illi oriġinarjament is-sottoswolo subkonċess kien jifforma parti minn art li William Thake kien akkwista mingħand Leone Francesco sive Francesco Gauci Sant u Emma Depiro Gourgion b'titolu onerus bis-saħħa ta' kuntratt ta' emfitewsi perpetwa fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel tat-3 ta' Marzu, 1956 (kopja tal-kuntratt relattiv hawn anness u mmarkat bħala Dok. D) biċ-ċens annwu u pereptwu ta' Lm2 (illum ekwivalenti għal €4.66) li bdew jiddekorru mid-data tal-att u jitħallsu kull sena bil-quddiem fuq liema art William Thake bena d-dar u l-garaxx imsemmija fil-paragrafu (4) hawn fuq;

with the subsoil which remains the property of Mr Thake, which portion of the subsoil granted in sub-emphyteusis was acquired by Peter Paul Baldacchino for the purpose of digging into it, a cave, or rather boathouse, with the annual and perpetual subgroundrent of Lm8 (today equivalent to €18.63 which started to run from the date of the deed and are paid annually in advance, and this according to a contract drawn up in the records of Notary Doctor Nicola Said of the 30th October, 1960 (copy of the relative deed here attached and marked as Doc. A);

That with this schedule of deposit there is attached a plan of the property in question and marked as Doc. B;

That subsequently according to a contract drawn up in the records of Notary Dr Pierre Attard of the 9th October, 1987 (copy of the relative contract hereby attached and marked as Doc. C), William Thake had transferred by title of sale in favour of Anthony Baldacchino (a) the house with its garage without number but with the name Gawhra previously known as Teresanna in a road without name in Għar Lapsi limits of Siġġiewi, subject to the annual and perpetual groundrent of Lm2 and (b) the sub direct dominium and the annual and relative sub groundrent imposed on two garages or rather contiguous and adjacent boathouses without number and without name excavated in the subsuol of the house above described by a facade on the passage, or rather a ramp leading to the beach of Mizun and bounded together on the south by the said passage, from the east with the subsoil owned by the Cascun family and from the north with the subsoil of the said house.

That thus, the annual and perpetual sub-groundrent of Lm8 (today equivalent to €18.63) today is due to Maria Licia sive Licia Baldacchino qua universal heir of Anthony Baldacchino;

That Anthony Baldacchino died on the 16th September, 2022, and according to his last will unica charta made together with his wife Maria Licia sive Licia Baldacchino in the records of Notary Dr Veronica Mizzi Young of the 15th September, 2021, amongst other dispositions, he revoked and cancelled any previous will whilst appointing and nominating his wife as his sole universal heir and absolute owner of all his hand;

That originally the subsoil sub-granted formed part of land which William Thake had acquired from Leone Francesco sive Francesco Gauci Sant and Emma Depiro Gourgion by onerous title in virtue of a contract of perpetual emphyteusis in the records of Notary John Spiteri Maempel of the 3rd March, 1956 (copy of the relative contract hereby attached and marked as Doc. D) wih the annual and perpetual groundrent of Lm2 (today equivalent to €4.66) which started to run from the date of the deed and be paid annually in advance on which land William Thake built the house and garage mentioned in paragraph (4) above;

Illi s-subdiretti dominji msemmija fil-paragrafu (4) hawn fuq kienu ġew imposti minn William Thake b'titolu onerus bis-saħħa ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Dott. Nicola Said wieħed tat-30 ta' Ottubru, 1960 (vide Dok. A) u l-ieħor tal-14 ta' Ottubru, 1962;

Illi preżenzjalment mhux possibbli għall-esponenti illi jottjenu informazzjoni dwar l-identità tal-aħwa Leone Francesco Gauci Sant u Emma Depiro Gourgion u/jew tal-eredi tagħhom, u wisq inqas huwa magħruf jekk dawn il-persuni għadhomx ħajjin u/jew jirrisjedux hawn Malta;

Illi l-esponenti bid-dritt mogħti lilhom permezz tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili jixtiequ jifdu kemm is-subċens kif ukoll iċ-ċens oriġinali li jista' jkun għadu gravanti fuq il-proprjetà inkwistjoni, u għal dan il-għan huma qegħdin jintavolaw kontestwalment mal-preżenti ċedola rikors għall-ħatra ta' kuraturi sabiex jirrappreżentaw lis-sidien injoti tad-dirett dominju oriġinali tal-proprjetà hawn fuq imsemmija;

Illi s-subċens annwu u perpetwu ta' €18.63 ekwivalenti għal Lm8 kapitalizzat bil-5% jammonta għal €372.70;

Illi ċ-ċens annwu u perpewu ta' €4.66 ekwivalenti għal Lm2 kapitalizzat bil-5% jammonta għal €93.17. L-esponenti jirrilevaw illi s-sehem taċ-ċens li jiggrava l-proprjetà tagħhom huwa fil-fatt ta' anqas minn Lm2 għaliex dan iċ-ċens kien jiggrava art akbar minn dik tagħhom. Madankollu, qegħdin għall-prattiċità u sejrin għal kull bon fini jiddepożitaw il-valur tal-kapitalizzazzjoni taċ-ċens intier.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' €465.87 konsistenti inkwantu għas-somma ta' €372.70 rappreżentanti l-fidwa tas-subċens li huma dovuti lil u għandhom jigu żbankati minn Maria Licia sive Licia Baldacchino filwaqt illi s-somma ta' €93.17 tirrappreżenta l-fidwa taċ-ċens oriġinali, li huma dovuti lil u għandhom jiġu żbankati mill-kuraturi in rappreżentanza tal-eredi mhux magħrufa tal-aħwa Leone Francesco Gauci u Emma Depiro Gourgion u dan wara li titħalla d-debita riċevuta.

Esponenti: Nicolina Baldacchino, 5, Maria Concetta, Triq Santa Katarina, L-Imqabba

Christopher Schembri Baldacchino, 63, Seagull, Pjazza tal-Ġublew tad-Djamanti, L-Imqabba

Notifika: Maria Lica sive Licia Baldacchino, Mirage, Triq Ramija, Is-Siġġiewi SGW 1111, Malta

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Artijiet, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

That the sub-direct dominia mentioned in paragraph (4) above were imposed by William Thake by onerous title by virtue of two contracts in the records of Notary Dr Nicola Said one of the 30th October, 1960 (vide Doc. A) and the other of the 14th October, 1962;

That it is presently not possible for the applicants to obtain information regarding the identity of the brothers Leone Francesco Gauci Sant and Emma Depiro Gourgion and/or their heirs, and much less it is known whether these persons are still alive and/or reside here in Malta;

That the applicants, on the basis of the right given to them by means of Article 1501 of the Civil Code wish to redeem both the subgroundrent and the original groundrent which may still be burdening the property in question, and for this purpose they are filing together with the present schedule of deposit an application for the appointment of curators to represent the unknown owners of the original direct dominium of the property abovementioned;

That the annual and perpetual sub-groundrent of €18.63 equivalent to Lm8 capitalised at 5% amounts to €372.70;

That the annual and perpetual groundrent of €4.66 equivalent to Lm2 capitalised at 5% amounts to €93.17. The applicants point out that the share of the groundrent which worsens their property is in fact less than Lm2 because this groundrent burded a larger land than their own. However, to be practical they are for all intents and purposes depositing the value of the capitalization of the whole groundrent.

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €465.87 consisting as for the sum of €372.70 representing the redemption of the subgroundrent which are due to and are to be withdrawn by Maria Licia sive Licia Baldacchino whilst the sum of €93.17 represents the redemption of the original groundrent, which are due to and are to be withdrawn by the curators in representation of the unknown heirs of siblings Leone Francesco Gauci and Emma Depiro Gourgion and this after leaving the due receipt.

Applicants: Nicolina Baldacchino, 5, Maria Concetta, Triq Santa Katarina, Mqabba

Christopher Schembri Baldacchino, 63, Seagull, Pjazza tal-Ġublew tad-Djamanti, Mqabba

Notification: Maria Lica sive Licia Baldacchino, Mirage, Triq Ramija, Siġġiewi SGW 1111, Malta

Director Public Registry, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta

Registrar of Lands, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 13 ta' Ottubru, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD, Doctor of Laws.

Today 13th October, 2023

Registry of the Superior Courts, today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

527

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Lulju, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Ronald Azzopardi u Mariella Borg.

Edgar Gili qua amministratur għan-nom u in rappreżentanza ta' 143, Tower Road Association ta' 143, Unit 4, Triq it-Torri, Tas-Sliema SLM 1604, ippreżenta Talba, fl-20 ta' Ġunju, 2023, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ronald Azzopardi (KI 0700661M) ta' 15, Fl 6, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema, u Mariella Borg (KI 739262M) ta' Fl. 15, 143, Triq it-Torri, Tas-Sliema, sabiex iħallsu lill-attur noe s-somma ta' €2810, liema ammont huwa dovut lill-attur noe.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 216/2023IS) hija differita għall-20 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 26th July, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondents Ronald Azzopardi and Mariella Borg in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Edgar Gili as administrator for and on behalf of 143, Tower Road Association of 143, Unit 4, Triq it-Torri, Tas-Sliema SLM 1604, filed a Claim on the 20th June, 2023, whereby he asked the Tribunal to condemn Ronald Azzopardi (ID 0700661M) of 15, Fl 6, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema, and Mariella Borg (ID 739262M) of Fl. 15, 143, Triq it-Torri, Tas-Sliema, to pay the plaintiff noe the sum of €2810, which amount is due to the plaintiff noe.

With costs and legal interests

The case (Claim number 216/2023IS) is deferred on the 20th March, 2024, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

528

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Ottubru 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Fremond Limited (C20339) ta' 96, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Ħal Qormi, ippreżentaw Talba, fis-26 ta' Settembru, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Asen Georgiev Ivanov ta' Tom's Court, Fl 16, Triq San Albert, Il-Gżira, Malta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,422.19, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 357/2023MD) hija differita għall-14 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 16th October 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Fremond Limited (C20339) of 96, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Ħal Qormi filed a Claim on the 26th September, 2023 whereby they asked the Tribunal to condemn Asen Georgiev Ivanov of Tom's Court, Fl 16, Triq San Albert, Gżira, Malta, to pay the plaintiff company the sum of €1,422.19, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 357/2023MD) is deferred on the 14th March, 2024, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

529

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-6 ta' Ottubru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħasl Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fid-19 ta' Settembru, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Primo Technologies Ltd (C98451) ta' Portobello, Triq il-Kurunell Savona, Tas-Sliema, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2390.11, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 348/2023DBM) hija differita għall-14 ta' Marzu, 2024, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 6th October, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (C10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 19th September, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Primo Technologies Ltd (C98451) of 6, Portobello, Triq il-Kurunell Savona, Tas-Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €2390.11, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 348/2023DBM) is deferred on the 14th March, 2024, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

530

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-27 ta' Ottubru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Laura Wallwork.

L-Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, ippreżentat Talba, fis-26 ta' Ottubru, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Laura Wallwork (KI 0057720A) ta' Gaetano Court, Flat 4, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar, Malta, sabiex tħallas lill-Awtorità s-somma ta' €1,221.48, liema ammont huwa dovut lill-Awtorità.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 392/2023MD) hija differita għas-26 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 27th October, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Laura Wallwork in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, filed a Claim on the 26th October, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Laura Wallwork (ID 0057720A) of Gaetano Court, Flat 4, Triq Piscopo Macedonia, St Paul's Bay, Malta, to pay the Authority the sum of €1,221.48, which amount is due to the Authority.

With costs and interests

The case (Claim number 392/2023MD) is deferred on the 26th March, 2024, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

531

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Awwissu, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Nicole Ashley Orpen.

In-Nutar Dott. Sharon Faith Farrugia (KI 265884M) ta' 6/7 Alley 1, Tower Street, Il-Mosta, ippreżentat Talba, fil-31 ta' Mejju, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Nicole Ashley Orpen (KI 191918A) ta' Tarxien Temples Court, Block C, Flat 7, Triq Dun Karm Sant, Ħal Tarxien, jew Jewel Court, M1, Triq il-Mediterran, Pembroke, sabiex tħallas lill-attriċi s-somma ta' €3,256.83, liema ammont huwa dovut lill-attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 199/2023DBM) hija differita għat-12 ta' Marzu, 2024, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 7th August, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Nicole Ashley Orpen in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Notary Dr Sharon Faith Farrugia (ID 265884M) of 6/7, Alley 1, Tower Street, Mosta, filed a Claim on the 31st May, 2023, whereby she asked the Tribunal to condemn Nicole Ashley Orpen (ID 191918A) of Tarxien Temples Court, Block C, Flat 7, Triq Dun Karm Sant, Ħal Tarxien, or Jewel Court, M1, Triq il-Mediterran, Pembroke, to pay the plaintiff the sum of €3256.83, which is due to the plaintiff.

With costs and interests

The case (Claim number 199/2023DBM) is deferred on the 12th March, 2024, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

532

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-15 ta' Jannar, 2024, Rikors numru 34/2024, minn George Mifsud fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Orazio Mifsud ħu d-decujus, favur l-eredità tal-mejta oħtu Jane Domenici, l-eredità tal-mejjet ħuh Carmelo Mifsud, l-eredità tal-mejta oħtu Emanuela Zammit u l-eredità tal-mejta oħtu Giorgia Mifsud fi kwota ta' kwint (1/5) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Guzeppe Mifsud, ġuvni, imwieled Ħal Qormi, Malta, kien residenti Ħal Luqa, Malta, u miet Ħal Luqa, Malta, fis-27 ta' Diċembru, 2012, ta' 76 sena, u li kellu karta tal-identità numru 770336M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum l-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 15th January, 2024, Application number 34/2024, by George Mifsud whereby he requested that it be declared open in favour of Orazio Mifsud brother of the decujus, in favour of the inheritance of the late Jane Domenici, sister of the decujus, in favour of the inheritance of Camelo Mifsud brother of the decujus, in favour of the inheritance of the late Emanuela Zammit sister of the decujus and in favour of the the inheritance of the late Giorgia Mifsud sister of the decujus in the quota of one fifth (1/5) undivided share each one of them the succession of Guzeppe Mifsud, bachelor, born in Ħal Qormi, Malta, resided in Ħal Luqa, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 27th December, 2012, aged 76, and who held identity card number 770336M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

533

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-16 ta' Jannar, 2024, Rikors numru 38/2024, minn Rita Grixti et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Rita Grixti, Maria Concetta sive Connie Chetcuti u Stephen Grixti wlied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Manuel Griscti, armel ta' Carmena Griscti née Desira, imwieled iż-Żejtun, kien residenti ż-Żejtun, Malta u miet Ħal Luqa, Malta, fid-9 ta' Diċembru, 2022, ta' 84 sena, u li kellu karta tal-identità numru 870037M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum l-1 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 16th January, 2024, Application number 38/2024, by Rita Grixti et whereby they requested that it be declared open in favour of Rita Grixti, Maria Concetta sive Connie Chetcuti and Stephen Grixti children of the decujus in equal shares between them the succession of Manuel Griscti, widower of Carmena Griscti née Desira, born in Żejtun, Malta, resided in Żejtun, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 9th December, 2022, aged 84 and who held identity card number 870037M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 1st March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*